



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Frar 2023
(OR. en)

6931/23
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0062(COD)

UK 28

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Frar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 124 final
Suġġett:	ANNESSI tal-Proposta għal REGOLAMENTO EWROPEW TAL-PARLAMENT U TAL-KUNSILL dwar regoli speċifiċi relatati mad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti kunsinni ta' oġġetti bl-imnut, pjanti għat-tħawwil, patata taż-żrigħ, makkinarju u ċertu vetturi mħaddma għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, kif ukoll movimenti mhux kummerċjali ta' ċerti annimali tad-dar lejn l-Irlanda ta' Fuq

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 124 final.

Mehmuż: COM(2023) 124 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.2.2023
COM(2023) 124 final

ANNEXES 1 to 5

ANNESI

tal-

Proposta għal REGOLAMENT EWROPEW TAL-PARLAMENT U TAL-KUNSILL

**dwar regoli speċifiċi relatati mad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju
Unit ta' ċerti kunsinni ta' oġġetti bl-imnut, pjanti għat-tħawwil, patata taż-żrigħ,
makkinarju u ċertu vetturi mħaddma għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, kif ukoll
movimenti mhux kummerċjali ta' ċerti annimali tad-dar lejn l-Irlanda ta' Fuq**

ANNESS I

Lista ta' Atti tal-Unjoni jew ta' partijiet minnhom

Nota: Fil-lista ta' hawn taħt ta' Atti tal-Unjoni jew ta' partijiet minn Atti msemija fl-Artikolu 1(2), daww li huma rilevanti għall-informazzjoni dwar is-saħħa pubblika u l-informazzjoni għall-konsumaturi msemija fl-Artikolu 6(6) huma mmarkati b'asterisk “*”:

1. *Id-Direttiva tal-Kunsill 84/500/KEE tal-15 ta' Ottubru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-oġġetti taċ-ċeramika maħsuba sabiex jiġu f'kontatt mal-oġġetti tal-ikel¹
2. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3703/85 tat-23 ta' Diċembru 1985 li jipprova regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' livelli komuni fis-suq għal ċertu ħut frisk u mkessah²
3. *Id-Direttiva tal-Kunsill 89/108/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti tal-ikel iffriżati malajr għal konsum mill-bniedem³
4. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2136/89 tal-21 ta' Ġunju 1989 li jistabbilixxi standards komuni dwar il-marketing tas-sardin ippriservat u d-deskrizzjonijiet kummerċjali tas-sardin ippriservat u ta' prodotti tat-tip tas-sardin⁴
5. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1536/92 tad-9 ta' Ġunju 1992 li jippreskrivi l-istandards ta' marketing komuni għat-tonn u għall-plamtu/tumbrell priservat⁵
6. *Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel⁶
7. *Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tirostatika u ta' beta-agonists u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE⁷
8. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2406/96 tas-26 ta' Novembru 1996 li jistabbilixxi standards komuni għall-marketing għal ċerti prodotti tal-industrija tas-sajd⁸
9. *Id-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tijonizza⁹
10. *Id-Direttiva 1999/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' ikel u ta' ingredjenti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti¹⁰

¹ ĠU L 277, 20.10.1984, p. 12.

² ĠU L 351, 28.12.1985, p. 63.

³ ĠU L 40, 11.2.1989, p. 34.

⁴ ĠU L 212, 22.7.1989, p. 79.

⁵ ĠU L 163, 17.6.1992, p. 1.

⁶ ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.

⁷ ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3.

⁸ ĠU L 334, 23.12.1996, p. 1.

⁹ ĠU L 66, 13.3.1999, p. 16.

¹⁰ ĠU L 66, 13.3.1999, p. 24.

11. *Id-Direttiva 1999/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 li għandha x'taqsam mal-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra¹¹
12. *Id-Direttiva 2000/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2000 rigward il-prodotti mill-kawkaw u miċ-ċikkulata maħsuba għall-konsum mill-bniedem¹²
13. *Il-Parti C tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE¹³
14. *Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-għasel¹⁴
15. *Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/111/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li għandha x'taqsam ma' ċerti tipi ta' zokkor maħsuba għall-konsum mill-bniedem¹⁵
16. *Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraġ tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman¹⁶
17. *Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/113/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li għandha x'taqsam mal-ġamm tal-frott, il-ġelatini u l-marmellati u mal-purejiet tal-qastan mogħtija l-ħlewwa maħsuba għal konsum mill-bniedem¹⁷
18. *Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/114/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 rigward ċertu ħalib ippriservat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem¹⁸
19. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi skema ta' dokumentazzjoni ta' qbid ta' *Dissostichus* spp.¹⁹
20. *Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali²⁰
21. *Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel²¹
22. *Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel²²
23. *Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament, bl-eċċezzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 32²³

¹¹ ĠU L 66, 13.3.1999, p. 26.

¹² ĠU L 197, 3.8.2000, p. 19.

¹³ ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.

¹⁴ ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47.

¹⁵ ĠU L 10, 12.1.2002, p. 53.

¹⁶ ĠU L 10, 12.1.2002, p. 58.

¹⁷ ĠU L 10, 12.1.2002, p. 67.

¹⁸ ĠU L 15, 17.1.2002, p. 19.

¹⁹ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 1.

²⁰ ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10.

²¹ ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51.

²² ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

²³ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

24. *Ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċjabilità u l-ittikkettjar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċjabilità ta' prodotti tal-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE²⁴
25. *Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali²⁵
26. *Ir-Regolament (KE) Nru 1946/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-movimenti transkonfinali ta' organiżmi modifikati ġenetikament²⁶
27. *Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-*salmonella* u aġenti żoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel²⁷
28. *Ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2003 dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fi jew fuq l-ikel²⁸
29. *Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel²⁹
30. *Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali³⁰
31. *Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kontatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE³¹
32. *Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf³²
33. *Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE³³
34. *Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel³⁴
35. *Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel³⁵

²⁴ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24.

²⁵ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

²⁶ ĠU L 287, 5.11.2003, p. 1.

²⁷ ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1.

²⁸ ĠU L 309, 26.11.2003, p. 1.

²⁹ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.

³⁰ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

³¹ ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.

³² ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1.

³³ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

³⁴ ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

36. Id-Direttiva 2007/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi regoli dwar kwantitajiet nominali għal prodotti mballati minn qabel, li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 75/106/KEE u 80/232/KEE, u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE³⁶
37. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea³⁷, sa fejn jikkonċerna d-dispożizzjonijiet b'rabta mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni
38. Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/9340³⁸
39. Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE³⁹
40. *Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel⁴⁰
41. *Ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enżimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97⁴¹
42. *Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel⁴²
43. *Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE⁴³
44. *Id-Direttiva 2009/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward is-solventi tal-estrazzjoni użati fil-produzzjoni tal-oġġetti tal-ikel u l-ingredjenti tal-ikel⁴⁴
45. *Id-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali⁴⁵

³⁵ ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26.

³⁶ ĠU L 247, 21.9.2007, p. 17.

³⁷ ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17.

³⁸ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

³⁹ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.

⁴⁰ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.

⁴¹ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 7.

⁴² ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

⁴³ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34.

⁴⁴ ĠU L 141, 6.6.2009, p. 3.

⁴⁵ ĠU L 164, 26.6.2009, p. 45.

46. *Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁶
47. *Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE⁴⁷
48. *Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE⁴⁸
49. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006⁴⁹, sa fejn jikkonċerna d-dispożizzjonijiet b'rabta mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni
50. Ir-Regolament (UE) Nru 640/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn *Thunnus thynnus* u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1984/2003⁵⁰
51. *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat⁵¹
52. *Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-ġhoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004⁵²

⁴⁶ ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.

⁴⁷ ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1.

⁴⁸ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

⁴⁹ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

⁵⁰ ĠU L 194, 24.7.2010, p. 1.

⁵¹ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

⁵² ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.

53. *Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali⁵³
54. Ir-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003⁵⁴
55. *Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009⁵⁵
56. *It-Taqsimiet 1 u 3 tal-Kapitolu I tat-Titolu II tal-Parti II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007⁵⁶
57. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE⁵⁷, sa fejn jikkonċerna d-dispożizzjonijiet b'rabta mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura
58. *Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, u t-tikkettar tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91⁵⁸
59. *Id-Direttiva (UE) 2015/2203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati ma' kaseini u kaseinati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE⁵⁹
60. *Ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001⁶⁰
61. *Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2016/52 tal-15 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew kwalunkwe każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika, u li jħassar ir-

⁵³ ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

⁵⁴ ĠU L 181, 29.6.2013, p. 15.

⁵⁵ ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35.

⁵⁶ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁵⁷ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

⁵⁸ ĠU L 84, 20.3.2014, p.14.

⁵⁹ ĠU L 314, 1.12.2015, p. 1.

⁶⁰ ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

Regolament (Euratom) Nru 3954/87 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 944/89 u (Euratom) Nru 770/90⁶¹

62. *Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007⁶²
63. Ir-Regolament (UE) 2019/4 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE⁶³
64. *Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE⁶⁴
65. *Il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituw, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituw fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituw, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008⁶⁵, u l-Kapitolu 1 tiegħu sa fejn jipprojbixxi l-użu ta' alkoħol sintetiku u ta' ċerti kuluranti
66. Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005⁶⁶, sa fejn jikkonċerna d-dispożizzjonijiet b'rabta mad-daqsijiet minimi tal-organiżmi tal-baħar għall-kummerċjalizzazzjoni
67. *Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 tas-6 ta' Settembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem⁶⁷

⁶¹ ĠU L 13, 20.1.2016, p. 2.

⁶² ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

⁶³ ĠU L 4, 7.1.2019, p. 1.

⁶⁴ ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43.

⁶⁵ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1.

⁶⁶ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.

⁶⁷ ĠU L 304, 24.11.2022, p. 1.

ANNESS II

Rekwiżiti għall-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju

Ir-riżorsi strutturali u umani tal-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju fl-Irlanda ta' Fuq għandu jkollhom il-kapaċità u l-abbiltà adatti għat-tip u l-volum tal-oġġetti bl-imnut li jiġu ppreżentati għall-kontrolli uffiċjali meħtieġa skont dan ir-Regolament.

Għandu jkollhom ukoll il-kapaċità u l-abbiltà adatti għat-tip u għall-volum ta' annimali u oġġetti li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li jiġu ppreżentati għall-kontrolli uffiċjali meħtieġa skont ir-Regolament (UE) 2017/625.

Parti 1

It-Tħaddim tal-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju

Rekwiżiti minimi għall-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju	Kronoloġija
Għadd suffiċjenti ta' persunal ikkwalfikat kif xieraq f'konformità mal-Artikolu 64(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2017/625.	Sal-1 ta' Ottubru 2023
Infrastruttura adegwata li tippermetti t-tweqqif tal-kontrolli uffiċjali, f'konformità mal-Artikolu 3(1) sa (6) u (11) sa (13), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1014	
Tagħmir adegwat li jippermetti t-tweqqif tal-kontrolli uffiċjali, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punti (c) u (d), mal-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1014.	
It-teknoloġija u t-tagħmir meħtieġ għat-tħaddim effiċjenti ta' TRACES, u, skont il-bżonn, ta' sistemi kompjuterizzati oħra ta' ġestjoni tal-informazzjoni meħtieġa għall-ġestjoni u l-iskambjar tad-data u tal-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 64(3) il-punt (f) tar-Regolament (UE) 2017/625.	
Għandhom jitwettqu l-kontrolli uffiċjali, fosthom verifiki tal-identità u dawk fiżiċi.	
Il-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju lesti biex jintużaw għall-kontrolli uffiċjali tal-annimali tad-dar f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013, u għal annimali tad-dar mhux konformi, kif previst fl-Artikolu 12(1), il-punt (f), ta' dan ir-Regolament.	

Parti 2

Il-bini tal-Faċilitajiet finali għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju

Rekwiżiti minimi għall-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju	Kronoloġija
Għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2017/625.	Sal-1 ta' Lulju 2025
Il-kontrolli uffiċjali, fosthom il-verifiki tal-identità u dawk fiżiċi, għandhom jitwettqu biss fil-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625.	

Sal-31 ta' Lulju tal-2024, ir-Renju Unit għandu jissottometti rapport tal-progress dwar it-tlestija tal-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju lill-Kummissjoni Ewropea, u wara dan, għandu jissottometti rapport kull 3 xhur sakemm ikunu ġew issodisfati r-rekwiżiti kollha ta' dan l-Anness.

Ir-Renju Unit u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw dwar iċ-ċertifikazzjoni elettronika.

ANNEX III

Ir-rekwiżiti għall-monitoraġġ u għall-ejenkar tal-istabbilimenti msemmijin fl-Artikoli 7 u 8

Parti 1.

Rekwiżiti għall-monitoraġġ

1. Kunsinni ta' oġġetti bl-imnut li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit għandhom ikunu monitorjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Irlanda ta' Fuq mill-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju ta' fejn jaslu l-ewwel fl-Irlanda ta' Fuq sal-istabbiliment tad-destinazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(1) u (2), il-punti (b) u (c), mal-Artikolu 2(3) u mal-Artikolu 3, il-punti (2) sa (5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1666⁶⁸.
2. Il-kunsinni ta' oġġetti bl-imnut għandhom ikunu ssiġillati mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, jew taħt ir-responsabbiltà tagħhom, u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-kunsinni jkunu intatti u ma jkunux tbaġħsu bejn il-Faċilità għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq u l-istabbiliment tad-destinazzjoni tagħhom.

In-numru tas-siġill ta' dawn il-kunsinni għandu jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit u jiddaħħal fiċ-ċertifikat ġenerali msemmi fl-Artikolu 4(1) u fl-Artikolu 5(1), il-punt (g), ta' dan ir-Regolament, u fid-Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul (CHED) imsemmi fl-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) 2017/625.

In-numru tas-siġill għandu jiġi kkonfermat jew iġġustifikat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Irlanda ta' Fuq fil-Faċilità għall-Ispezzjonijiet Sanitarji u Fitosanitarji tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq. Meta kunsinna tiġi ssiġillata mill-ġdid, in-numru tas-siġill il-ġdid għandu jiġi rreġistrat fis-CHED.
3. Fi żmien l-ewwel jumejn wara li jaslu fl-Irlanda ta' Fuq il-kunsinni tal-oġġetti bl-imnut, l-operatur li jkun responsabbli tal-istabbiliment fil-post tad-destinazzjoni għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Irlanda ta' Fuq li jkunu responsabbli għat-tweġġiq tal-kontrolli uffiċjali f'dak l-istabbiliment, li l-kunsinni jkunu waslu.

Parti 2.

L-ejenkar tal-istabbilimenti li jibagħtu l-kunsinni tal-oġġetti bl-imnut li jinsabu f'partijiet tar-Renju Unit barra mill-Irlanda ta' Fuq, u l-ejenkar tal-istabbilimenti fl-Irlanda ta' Fuq li jirċievu dawk il-kunsinni.

1. Il-listi tal-istabbilimenti f'partijiet tar-Renju Unit barra mill-Irlanda ta' Fuq, u ta' dawk li jinsabu fl-Irlanda ta' Fuq, li huma awtorizzati jibagħtu jew jirċievu l-kunsinni ta' oġġetti bl-imnut għandhom jiġu kkompilati u jinżammu aġġornati mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, f'konformità ma' proċeduri li huma disponibbli għall-pubbliku, u dawn ukoll għandhom jinżammu aġġornati.

⁶⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1666 tal-24 ta' Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-monitoraġġ tat-trasport u l-wasla ta' kunsinni ta' ċerti oġġetti mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-wasla sal-istabbiliment fil-post ta' destinazzjoni fl-Unjoni (ĠU L 255, 4.10.2019, p. 1).

2. L-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għandhom jiżguraw li l-istabbilimenti msemmija fil-punt 1 li jibagħtu l-kunsinni u dawk li jirċivuhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament billi jwettqu verifiki għal għarrieda bbażati fuq ir-riskju u fuq l-intelligence f'dawn l-istabbilimenti. L-iskop ta' dawn il-verifiki għal għarrieda għandu jkun li jiżguraw li l-oġġetti bl-imnut ikunu maħsuba biex jinbiegħu bl-imnut fl-Irlanda ta' Fuq biss, u li ma jintbagħtux f'xi Stat Membru sussegwentament.
3. Il-verifiki għal għarrieda bbażati fuq ir-riskju u fuq l-intelligence msemmija fil-punt 2, fost l-oħrajn għandhom jiżguraw li l-istabbilimenti jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness IV, u b'mod partikolari għandhom jivverifikaw li l-oġġetti bl-imnut jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-immarrar stipulati fl-Artikolu 6(1), filwaqt li titqies l-istorja tal-konformità ta' dawk l-istabbilimenti, u l-volum ta' oġġetti bl-imnut li ma jkollux immarrar individwali f'konformità mal-Artikolu 6(1), il-punti (a) u (b).

Dawk il-verifiki għal għarrieda għandhom jinkludu spezzjoni viżiva tal-oġġetti bl-imnut li jkunu mmarkati kaxxa kaxxa, f'konformità mal-Anness IV, il-punt 2, u tal-oġġetti bl-imnut li jkunu skjarati fuq l-ixkafef fl-istabbiliment, għandhom jinkludu rieżami tad-dokumenti rilevanti marbuta maċ-ċertifikat ġenerali li jkun ma' dawn oġġetti bl-imnut, u tar-rekords tal-istabbilimenti ta' destinazzjoni tal-oġġetti li jkunu ddaħħlu fihom.

Kull 3 xhur, sat-30 ta' Ġunju 2025, ir-Renju Unit għandu jissottometti rapport lill-Kummissjoni dwar il-livell u r-riżultati tal-verifiki għal għarrieda li jkunu twettqu f'konformità mal-punt 2.
4. Meta l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit ikollhom għalfejn jissuspettaw ksur serju jew ripetut tar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, għandhom minnufih ineħħu l-istabbilimenti mil-listi tal-istabbilimenti msemmija fil-punt (1).
5. Il-listi tal-istabbilimenti msemmija fil-punt (1) għandhom minnufih isiru disponibbli b'mod elettroniku għall-Kummissjoni u għall-awtoritajiet kompetenti fl-Irlanda ta' Fuq.

ANNESS IV

Rekwiżiti tal-immarkar

1. Immarkar individwali

Il-marki għandhom jitwāhhlu mal-imballaġġ f'pożizzjoni fejn jiġbdu l-għajnejn, u jridu jkunu viżibbli sew, ċari li jinqraw, u indelibbli. Ma għandhom b'ebda mod jinħbew, jitgħattew, jitqassru jew ikunu interrotti minn xi kitba oħra jew stampi jew xi materjal ieħor li jintervjeni.

Il-marki għandhom jiddikjaraw il-kliem: "Not for EU"

2. L-immarkar fuq il-kaxxi

Il-marki għandhom jitwāhhlu fuq l-iżgħar kontenituri tal-istess oġġetti bl-imnut ippakkjati minn qabel.

Il-marki għandhom jitwāhhlu ma' dawn il-kontenituri f'pożizzjoni fejn jiġbdu l-għajnejn, u jridu jkunu viżibbli sew, ċari li jinqraw, u indelibbli. Ma għandhom b'ebda mod jinħbew, jitgħattew, jitqassru jew ikunu interrotti minn xi kitba oħra jew stampi jew xi materjal ieħor li jintervjeni.

Il-marki għandhom jiddikjaraw il-kliem: "Not for EU"

3. Sinjalar u posters fuq l-ixkafef

Għandu jitqiegħed sinjal bil-kliem "Not for EU" maġenb it-tikketta tal-prezz jew l-ekwivalenti tagħha fuq l-ixkafef fl-istabbilimenti fejn jiġu offruti lill-konsumaturi finali l-oġġetti bl-imnut.

Għandu jkun hemm biżżejjed posters imwāhhlin f'postijiet fejn jidhru sew qrib l-oġġetti bl-imnut, li jinfurmaw lill-konsumaturi li daww l-oġġetti bl-imnut huma maħsubin biss għall-bejgħ lill-konsumaturi finali fl-Irlanda ta' Fuq, u li ma għandhomx, sussegwentement, jinġarru fi Stat Membru.

ANNEX V

Lista ta' oġġetti bl-imnut kif imsemmija fl-Artikolu 6(1)

Parti 1.

Ħalib u prodotti tal-ħalib ippakkjati minn qabel li għandhom ikunu mmarkati f'konformità mal-Artikolu 6(1), il-punt (a)(ii):

- ħalib pasturizzat;
- krema pasturizzata;
- krema qarsa;
- crème fraîche;
- xorrox tal-butir pasturizzat;
- ġobon mhux pasturizzat;
- quark/cottage cheese.

Parti 2.

Ċerti prodotti għall-bejgħ bl-imnut li ma għandhomx għalfejn ikunu mmarkati individwalment f'konformità mal-Artikolu 6(1), il-punt (c)

1. L-oġġetti bl-imnut ta' hawn taħt meta jkunu prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa li jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/630⁶⁹:
 - (a) hlewriet (inkluż il-ħelu), ċikkulata u preparati tal-ikel oħra li jkun fihom il-kawkaw;
 - (b) għaġin, noodles u kuskus, mhux imħalltin ma' prodott tal-laħam jew mimlijin bih;
 - (c) ħobż, kejkijiet, gallettini, waffles u wafers, biskuttelli, ħobż mixwi u prodotti simili mixwijin;
 - (d) żebbuġ mimli bil-ħut;
 - (e) estratti, essenzi u konċentrati, tal-kafè, tat-tè jew tal-matè u preparati b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, tè jew matè; ċikwejra inkaljata u sostituti tal-kafè oħrajn inkaljati, u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom;
 - (f) stokkijiet u ħwawar tas-sopop ippakkjati għall-konsumatur finali;
 - (g) supplimenti tal-ikel ippakkjati għall-konsumaturi finali, li jkun fihom ammonti żgħar ta' prodotti tal-annimali, u dawġ li fihom il-glukożammina, il-kondrojtin jew il-kitosan;
 - (h) likuri u kordjali.

⁶⁹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/630 tas-16 ta' Frar 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u li jemenda d-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 17).

2. Il-prodotti għall-bejgħ bl-imnut għajr dawk li huma soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fil-fruntiera, f'konformità mal-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2017/625, bħalma huma l-frott u l-ħxejjex fil-bottijiet, id-dqiq, il-ħwawar, l-aromatizzanti, il-hall, iż-żrieragħ, il-ġewż, il-popcorn, crackers, crisps, ketchup, soppa tat-tadam, ħwawar imnixxfi, ċips iffriżati, boroż tat-te, te niexef, u kafè.
3. Il-prodotti għall-bejgħ bl-imnut li ġejjin, li joriġinaw mill-pjanti, ħliet meta jkun meħtieġ ċertifikat fitosanitarju skont ir-regoli tal-Unjoni:
- (a) ananas;
 - (b) ġewż tal-Indi;
 - (c) durian;
 - (d) banana;
 - (e) tamal.
4. Il-prodotti li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, sakemm ma jkunux soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fil-fruntiera f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625, bħal dawn li ġejjin:
- (a) ċereali;
 - (b) ross;
 - (c) zokkor;
 - (d) żejt taż-żebuga u żebug tal-mejda;
 - (e) prodotti ta' frott u ħxejjex ipproċessati;
 - (f) inbid;
 - (g) ġamm;
 - (h) butir tal-karawett;
 - (i) piżelli ffriżati;
 - (j) ġulepp tal-aġġru.